MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 762/1999/1

**Renato Buttigieg**
**v.**
**Alexander sive Alex Mercieca**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost minn Alexander sive Alex Mercieca minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Jannar 2007.

L-attur kien ipprezenta citazzjoni fejn ippremetta li:
“Illi fil-15 ta’ Settembru 1998 waqt li l-attur kien qed jahdem bhala “mechanic” b’inkarigu tal-konvenut f’Cassar

Service Station, 25 November Avenue, Zejtun, fuq il-vettura tal-konvenut huwa korra serjament f'subghajh ta' idu l-leminija u sofra dizabilita` permanenti skond kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku Dok RB1 meta l-konvenut qabad u minn rajh startja l-magna tal-imsemmija vettura tieghu li kienet mitfija waqt li l-esponent kien qed jahdem fuqha;

"Illi dan l-incident gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew traskuragni u jew nuqqas tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenut;

"Illi l-konvenut gie interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqa' inadempjenti;

"Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjarah responsabbli ghall-korriment u ghad-dizabilita` permanenti u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra fil- 15 ta' Settembru 1998;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Ottubru 1998 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 1999 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;"

Il-konvenut ipprezentat nota tal-eccezzjoniiet (fol. 8) fejn eccepixxa :-
"L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt;

"Bla pregudizzju ghas-suespost, illi il-konvenut ma huwiex responsabbli ghad-danni li sofra l-attur billi ezegwa fedelment dak li qallu jaghmel l-attur u ma kien bl-ebda mod negligenti jew traskurat;

"Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzu ghas-suespost, in-negligenza u traskuragni kontributorja da parti tal-attur."

**Decizjoni tal-ewwel Qorti.**

L-ewwel Qorti ddecidiet il-vertenza billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u b'hekk iddikjarat lill-konvenut responsabbili ghall-korriment u ghad-dizabilita` permanenti u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-attur fl-incident in kwestjoni, illikwidat id-danni fis-somma komplessiva ta' hamest elef sitt mija u ghaxar liri maltin (Lm5610) u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm5610[1] in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. Dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:
"Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement pruvat illi l-attur, li huwa mechanic, mar biex jivverifika lment tal-konvenut dwar hoss li kien hemm fil-*power steering* tal-vettura tal-konvenut. L-attur talab lill-konvenut jistartja l-magna tal-istess vettura u talbu jiftah il-*bonnet*. Talbu ukoll biex idawwar l-*isteering* l'hemm u l'hawn. Il-konvenut hekk ghamel. L-attur qal lill konvenut li l-hsara aktarx li kienet fic-cinga. L-attur ghalhekk qal lill-konvenut biex jitfi l-magna biex tigi verifikata c-cinga. Bil-magna mitfija l-attur xxabbat ghal gewwa l-vettura tal-konvenut u kif miss iccinga, l-konvenut minn jeddu rega' startja l-magna. Dak il-hin l-attur kellu c-cinga f'idejh u bhala konsegwenza in-naha ta' fuq tat-tielet saba' tieghu ta' idu l-leminija gie mtajjar u mqatta';

"Min-naha tieghu l-konvenut jghid li huwa rega startja l-magna ghaliex hekk qallu biex jghamel l-istess attur. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u a bazi tar-rizultanzi l-konvenut mhux kredibbli. Dan qed jinghad, b'mod partikolari, a bazi ta' dak li hemm fid-dikjarazzjoni iffiirmata mill-istess konvenut (fol.22) u fejn il-konvenut qed jghati rendikont ta' kif sehh l-istess incident. Din id-dikjarazzjoni

[1] Illum €13,067.78

saret ghal finijiet ta’ assikurazzjoni u ghalhekk saret ftit taz-zmien wara li sehh l-incident. In effett il-konvenut jghid li hemm xi zbalji f’din id-dikjarazzjoni billi hemm xi affarjiet li huwa ma qalhomx u cioe` huwa qatt ma ikkonferma li huwa “qabad u xeghel il-magna”;

“F’din id-dikjarazzjoni hemm imnizzel dawn il-precizi kliem – “There was a misundstanding and I thought I had to start the engine again. As a result the mechanic had his finger on the belt of the engine and as I switched on, his top part of his third finger was amputated.” B’dan il-kliem il-konvenut qed jaccetta li huwa haseb li kellu jistartja l-magna u qabad u ghamel hekk minn jeddu minghajr hadd ma qallu;

“Inoltre l-konvenut ma jaghtix raguni valida u kredibbli ghala hemm imnizzel dawn il-kliem meta huwa jsostni li ma qalhomx. Jidher li din id-dikjarazjoni inkitbet minn terz fuq dak li kien qed jghid il-konvenut. Mhux bizzejjed li l-konvenut jghid li huwa dawk il-kliem ma qalhomx. Huwa ghandu jipprova li kien hemm xi raguni ghala tnizzel kliem li huwa ma qalx. Tali prova zgur li ma saritx. F’dan ir-rigward, ukoll, il-konvenut lanqas ipproducja biex jixhed lil minn effettivament kiteb l-istess dikjarazzjoni;

“Inoltre l-verzjoni li joffri l-attur hi sostanzjalment u in parte korroborata minn dak li qal il-lavrant tieghu stess fl-affidavit tieghu;

“Fid-dawl ta’ dan kollu il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni peress li jirrizulta li huwa qabad u startja l-magna minn jeddu. L-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kollha konsekwenzjali. L-agir tal-konvenut kien kemm traskurat kif ukoll negligenti u ghalhekk il-konvenut hu resposabbli ghal dan l-incident;

“Ma tirrizulta ebda kontributorjeta` min-naha tal-attur. Hu minnu li l-attur seta ghajjat lill-lavrant tieghu biex jghinu waqt li kien qed jghamel il-verifiki ghar-rigward tal-vettura tal-konvenut. Pero` biex tixghel u titfi magna ta’ vettura ma hemmx ghalfejn li wiehed ikun tas-sengha. Kull ma

kellu jghamel il-konvenut kien li jsegwi l-ordnijiet li kien qed jghatih l-attur u mhux minn jeddu u minghajr ebda ordni jixghel il-magna in kwestjoni;

“Jirrizulta mill-provi li minhabba dan l-incident l-attur dam ma jidhol lura ghax-xoghol xi tmien (8) xhur. Illum l-attur qed jerga jahdem ta’ mechanic pero` b'certu diffikultajiet. Meta gara l-incident l-attur kellu tletin (30) sena. Jirrizulta li l-qligh tal-attur fiz-zmien in kwestjoni kien circa erbat elef liri maltin (Lm4000). Fiz-zmien meta xehed l-attur huwa qal li kien qed jaqla circa sitt elef liri maltin (Lm6000) fis-sena. Jirrizulta ukoll li l-attur kellu jghamel operazzjoni li swiet tletin liri maltin (Lm30);

“F’dawn il-proceduri gie nominat il-Kirurgu Mr. Charles Grixti bhala espert mediku. Sussegwentement gew nominati l-Kirurgu Mr. Anthony Bernard, il-Kirurgu Mr. Charles Sciberras u l-Kirurgu Mr. Ian Esposito bhala esperti medici addizzjonali;

“L-ewwel espert mediku kkonkluda li d-dizabilta’ li sofra l-attur kagun tal-incident in kwestjoni kienet ta’ 2% (tnejn fil-mija). Il-periti medici addizzjonali kkonkludew li d-dizabilta’ li sofra l-attur hija ta’ 4% (erba’ fil-mija);

“Skond dawn ir-rizultanzi hu ragjonevoli li ghal fini tal-likwidazzjoni tad-danni s-somma ta’ hamest elef liri maltin (Lm5000) ghandha tittiehed bhala l-bazi tal-qliegh annwali tal-attur. Din is-somma ghandha tigi moltiplikata b’wiehed u tletin (31) stante li l-attur kellu tletin sena u fic-cirkostanzi tal-lum hu ragjonevoli li wiehed jistenna li ser jghix sakemm ilhaq l-eta’ ta’ wiehed u sittin sena. Wiehed ghandu jiehu l-4% tal-ammont rizultanti stante li jirrizulta li l-attur sofra dizabilita’ permanenti appuntu ta’ 4%. Minn dana kollu ghandu jitnaqqas l-10% peress li ser isir “lump sum payment”. Ghalhekk id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ hamest elef hames mija u tmenin liri maltin (Lm5580) u cioe’ Lm5000 x 31 sena = 155000 x 4% = 6200 – 10% = Lm5580. Ma din is-somma trid tizdied is-somma ta’ tletin liri maltin ghall-operazzjoni li kellu jissubixxi l-istess attur. Ghalhekk id-danni kollha li sofra l-attur ghandhom jigu likwidati fis-

somma komplessiva ta' hamest elef sitt mija u ghaxar liri maltin (Lm5610);"

Rikors tal-konvenut appellant Alexander sive Alex Mercieca

Il-konvenut appellant hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha. Hu jsostni li l-ewwel Qorti interpretat hazin il-provvedimenti legali li jirregolaw in-negligenza u l-kontributorjeta` civili u ghalhekk applikat hazin dawn id-disposizzjonijiet ghall-fatti tal-vertenza.

L-aggravji principali tal-appellant huma s-segwenti:

Hu jghid li i c-cavetta ghas-soluzzjoni tal-kaz kienet li l-attur messu qabbad lill-lavrant li kellu biex joqghod wara l-*isteering wheel* minflok iqabbad lill-istess appellant, li evidentement ma kienx jifhem fil-magni. L-ewwel Qorti skartat dan id-dettal ghal kollox.
Aggravju iehor tal-appellant hu li fl-aghar ipotesi ghalih l-appellat ikkontribwixxa ghad-danni li sofra billi ma uzax id-diligenza rikjesta mil-ligi ghall-affarijiet tieghu billi seta' jipprevedi li dak li kien qed jaghmel kien perikoluz fic-cirkostanzi. L-appellat messu accerta ruhu li l-appelant kien fehem sew dak li gie ordnat lilu li jaghmel.

L-appellant hassu aggravat ukoll bl-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti billi jekk kien hemm xi inkongruwenza fix-xhieda tieghu dina kienet dovuta biss minhabba l-ghagla li fiha sehh l-incident u l-emozjonijiet qawwija li ssuccedew.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Risposta tal-attur appellat

L-attur appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti</u>**

<u>Fatti mertu tal-kawza</u>

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, il-Qorti thoss li jkun qabel xejn utili li taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu tal-kaz in kwistjoni.
F’dan l-incident, li gara fil-15 ta’ Settembru 1998 fiz-Zejtun, l-appellat kien qed jahdem ta’ “mechanic” fuq il-vettura tal-appellant u korra serjament f’subghajh ta’ idu l-leminija u sofra dizabilita` permanenti meta l-appellant qabbad u startja l-imsemmija vettura meta l-appellat kien qed jahdem fuq il-magna.

<u>Responsabbilita` tal-appellant</u>

Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, u cioe` li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx is-sottomissjoni tieghu li l-appellat kellu jqabbad lill-lavrant tieghu biex jistartja l-karozza, dina l-Qorti ma taqbix ma dak asserit mill-appellant billi l-ewwel Qorti effettivament kienet ikkonsidrat dik is-sottomissjoni u ghar-ragunijiet minnha moghtija dik is-sottomissjoni ma gietx accettata. L-ewwel kienet qalet hekk:
“*Hu minnu li l-attur seta’ ghajjat lill-lavrant tieghu biex jghinu waqt li kien qed jghamel il-verifiki ghar-rigward tal-vettura tal-konvenut. Pero` biex tixghel u titfi magna ta’ vettura ma hemmx ghalfejn li wiehed ikun tas-sengha. Kull ma kellu jghamel il-konvenut kien li jsegwi l-ordnijiet li kien qed jghatih l-attur u mhux minn jeddu u minghajr ebda ordni jixghel il-magna in kwestjoni.*”

Dina l-Qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti. Ma tridx tkun tifhem fil-magni tal-karozzi biex tistarja karozza. Ghalhekk meta l-appellat qal lill-appellant biex semplicement jistartja l-karozza, ma kellux ghalfejn igib il-lavrant biex jassistih. Skond l-appellat meta hu kien qal lill-appellant biex jitfi l-magna u mar jixxabat fil-magna tal-karozza, hu ma kienx rega’ qal lill-appellant biex jistartja, ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn f’dak l-istadju li jitlob l-assistenza tal-lavrant jekk l-appellant ma kellu jaghmel xejn.

Ghalhekk ic-cavetta ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz ma kinitx jekk l-appellat kellux isejjah lil-lavrant kif qed jippretendi l-appellant imma jekk verament kienx hemm il-"misunderstanding" li l-appellant semma' fid-dikjarazzjoni li ghamel u ffirma ghand l-"insurance".

Ftit granet wara l-incident l-appellant kien ghamel u ffirma dikjarazzjoni ghand l-"insurance" fejn iddeskriva kif gara l-incident u qal ukoll li "there was a misunderstanding and I thought I had to start the engine again". (ara fol: 22). Veru li meta xehed fil-Qorti l-appellant qal li l-iskrivana kienet kitbet affarijiet li ma qalilhiex hu, izda l-appellant ma ta ebda raguni ghaliex dina kienet kitbet hekk meta dak li nkiteb kien gie dettat minnu u noltre l-appellant lanqas ma ressaqha bhala xhud il-Qorti biex tixhed. L-appellant kien fid-dover li qabel ma jiffirma dikjarazzjonijiet simili jaqra x'ikun fiha dika d-dikjarazzjoni. Jigi rilevat ukoll li dina d-dikjarazzjoni, li saret ftit granet wara l-incident, taqbel mal-versjoni tal-appellat u ma dak li qal ix-xhud, il-lavrant Peter Busutill, li wara l-incident l-appellant kien esklama li "ma nafx x'fettilli nistartja l-van".

## Kontributorjeta` tal-attur

Aggravju iehor tal-appellant hu li fl-aghar ipotesi ghalih l-appellat ikkontribwixxa ghad-danni li sofra billi ma wzax id-diligenza rikjesta mil-ligi ghall-affarijiet tieghu billi seta' jipprevedi li dak li kien qed jaghmel kien perikoluz fic-cirkostanzi.

Fl-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, u li mieghu dina l-Qorti taqbel, irrizulta li l-appellat kien qal lill-appellant biex jistartja l-karozza darba wahda biss. Kull ma kellu jaghmel l-appellant kien dak li jghidlu l-appellat cioe` li jistartja u jitfi l-makna, u zgur li appellat ma kienx ser ighidlu biex jistarja l-karozza meta hu kien qed jixxabbat fil-makna tal-karozza u kellu c-cinga f'idejh. L-appellat ma setax jipprevedi li l-appellant dak il-hin kien se jistartja l-magna.

Apprezzament tal-provi

L-appellant hassu aggravat ukoll bl-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u jsemmi li jekk kien hemm xi inkongruwenza fix-xhieda tieghu li tah quddiem l-ewwel Qorti din kienet dovuta minhabba l-ghagla li fiha sehh l-incident u l-emozjonijiet qawwija li ssuccedew.  Dan l-aggravju huwa wiehed fieragh.  Meta l-appellant xehed fil-Qorti kienu ghaddew xi sentejn mill-incident u fix-xhieda tieghu hemm indikazzjonijiet cari li hu kien qed jara car kif ghandu jezimi ruhu mir-responsabbilita` u jitfa' t-tort fuq l-appellat jew xi hadd iehor.

Ghalhekk hija l-fehma ta' dina l-Qorti, bhal dik ta' qabilha, li l-agir tal-appellant kien traskurat u negligenti u ghalhekk hu kien responsabbili ghall dana l-incident, u li l-appellat ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghall-incident. Kollox ma' kollox dana l-appell jirrazenta l-fieragh.

Dwar il-kwistjoni tad-danni ma hemm ebda aggravvju u kontestazzjoni jew appell minn dika l-parti tas-sentenza.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------